# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1489/00**

**Numru 32**

**Vincent Calleja personalment u ghad-ditta 'Kelly Industries'**

**vs**

**Edwin Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u sittin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm266.33) mill-konvenut lill-attur dovuti bhala bilanc tal-prezz ta' merkanzija mill-attur lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata kif originarjament mal-konvenut pattwit.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Settembru 2000 kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi s-somma ta' Lm266.33,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur